




Meta twieldet it-tarbija, din kienet x'aktarx mostru milli l-kreatura li żewġha kien qed jistenna minnha; u waqgħet fuq darhom dalma kbira. Iżda t-tarbija ma għexetx u mietet ma l-ewwel lejl ta' twelidha. Susanna ħassitha mistrieħa, żewġha ma ssuspetta xejn, u meta Susanna reġgħet intefgħet f'riġlejn il-konfessur, dan qalilha li t-toroq t'Alla huma bla qies, u li, kieku għamlet l-abort li kienet twebblet bih, barra l-qtil tal-kreatura innoċenti, hi stess kienet tkun tilfet għal dejjem l-hena tagħha, b'rimors li ma jitħassar b'xejn.

---

## ŻEWĠ AĦWA POETI

Lil ħija Ġużè
b'tislima mill-Awstralia

Ħriġna għannejja t-tnejn. Il-Poeżija
Issa ilha s-snin tindieħes u tħuf magħna,
Biha fissirna l-hemm b'versi mbikkija,
Biha fissirna l-għors b'versi ferħana.

Inqdejna t-tnejn bl-ilsien ta' l-Art Maltija
Biex bi sbuħitu qdejna seħ'mna fl-għana,
Ħsiebek u ħsiebi ngħaqdu għalenija
F'għanjiet lil Malta bl-oħla mħabba tagħna.

Seħer il-għana li jserrep ġo fina
Jinseġ ġrajjitna f'aħwa għal darbtejn,
— bl-istess missier u omm u wlied il-Muża.

Bil-ferħ u l-hemm li jżewwqu lil xortina
Nisoktaw b'qalb qawwija miexja t-tnejn
U norqmu l-ħsibijiet f'għanjiet glorjuża.

3.2.80 ĠORĠ CHETCUTI